MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2015

Appell Civili - Ghawdex Numru. 26/2013

**Eric Mercieca**

**vs**

**Kunsill Lokali Qala**

Permezz ta’ avviz prezentat fid-9 ta’ Lulju 2013 l-attur talab il-hlas ta’ elf u mitt ewro (€1,100) sabiex jaghmel xoghol ta’ *project manager* li qal li ghamel gewwa bini tal-konvenut.

Il-konvenut wiegeb:-

i. L-attur thallas ghas-saldu tas-servizz;
ii. Jekk ghad hemm xi ammont dovut, dan m’huwiex tas-somma pretiza;

B'sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tas-7 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill Lokali tal-Qala gie kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' hames mija u hamsa u ghoxrin ewro (€525) bl-imghax mid-data tas-sentenza. Dan wara li t-Tribunal qal li mill-provi kien sodisfatt li:

*"[....] x-xoghol ta' Eric Mercieca verament estenda xi ftit aktar minn da ta' semplici designer, u dahal fil-mansjonijiet ta' project manager. L-eks sindku Paul Buttigieg stess ighid illi ghal dak li hu finishing ma giex imqabbad perit".*

L-attur appella mis-sentenza. L-aggravji tieghu huma:

1. Ma jaqbilx mal-konkluzjoni tat-Tribunal li l-ftehim li bih gie nkarigat jaghmel xoghol ta' Project Manager, m'huwiex validu;
2. Ma jaqbilx mal-mod kif it-Tribunal illikwida l-ammont li hu dovut lilu;
3. Ma jabqilx mal-konkluzjoni tat-Tribunal dwar il-kap tal-ispejjez.

Il-konvenut wiegeb li peress li l-valur tat-talba huwa inqas minn €1,164.69, appell jista' jsir biss fil-kazijiet kontemplati fl-Artikolu 8(2) tal-Kap. 380. F'dan il-kaz m'hemmx ic-cirkostanzi li jippermettu li jsir appell u l-appell hu kritika tal-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**.

1. Il-qorti taqbel mat-tezi tal-appellat li fil-kaz in ezami appell seta' biss f'wieehd mic-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 8(2) tal-Kap. 380. It-talba tal-appellant hi ghas-somma ta' elf u mitt ewro (€1,100). Skond l-Artikolu 8(3) hu dejjem moghti dritt ta' appell **<u>biss</u>** f'dawk il-kazijiet fejn l-ammont mitlub jaqbez is-somma ta' elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).

2. L-ewwel zewg aggravji tal-appellant huma bazati fuq apprezzament tal-provi. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li:-

   (a) Hu minnu li Paul Buttigieg, li kien Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Qala, xehed li l-appellant kellu jkun il-Project Manager u kellu jithallas 5% tal-valur tat-

tender. Pero' dak li xehed Buttigieg m'huwiex korraborat mill-minuti tal-laqghat tal-Kunsill Lokali. Fihom hemm riferenza ghall-appellant bhala d-designer. Hemm ukoll id-deposizzjoni ta' Marsja Borg, segretarja ezekuttiv, li kkonfermat li kienet tkun prezenti ghal laqghat tal-Kunsill Lokali u qatt ma ssemma li l-appellant kien gie nkarigat bhala Project Manager.

(b) 'Il fatt li min inghata x-xoghol ma hallasx 5% tal-kont ma jfissirx li l-appellat inkariga lill-appellant bhala Project Manager. Marsja Borg xehedet: *"U nghid li jekk ma jkunx hemm Project Manager, dik il-five percent izommha l-Kunsill"* (fol. 63).

(c) It-Tribunal irrikonoxxa li l-appellant ghamel xoghol iktar minn dak ta' *designer*. Dan irrispettivament jekk kienx gie konkluz ftehim bejn il-partijiet sabiex l-appellant jaghmel xoghol ta' *project manager*. F'dan ir-rigward hemm id-desposizzjoni ta' Kevin Abela li qal li kien jikkonsuslta mal-appellant; "[….] *kien jigi wkoll fuq il-post jara jien x'inkun ghamilt u ma ghamiltx u gieli anki kelli xi problema u kont nikkomunika mieghu*" (fol. 43).

(d) M'hemmx dubju li l-appellant ta servizz lill-appellat li jmur lil hinn minn xoghol ta' dizinn. It-Tribunal ghalhekk kellu ragun li jghid li l-appellant kien intitolat li jircievi hlas iehor apparti s-somma ta' €1,050 li rcieva ghax-xoghol ta' dizinn.

(e) L-appellant spjega li s-somma pretiza hi 5% tal-valur tat-tender, li qal li kienet €24,000[1]. Qal ukoll li ta skont ta' €100. Jirrizulta li f'xi zmien l-appellant hareg kont ghal €838 [2]. Pero' fis-27 ta' Awissu 2012 hareg kont iehor ghas-somma ta' €1,100[3]. L-appellant ma tax spjegazzjoni ghalfejn din id-diskrepanza. Kull ma qal kien: *"Dik il-habta hrigt dik l-invoice hekk kif hrigtha ghax is-Segretarja ma kenitx qed tattendi xoghol ghax kienet bil-leave tal-maternita"* (fol. 84). Ir-raguni tghidlek li jekk verament il-Kunsill tah l-inkarigu ta' project manager, kellu jkun jaf il-valur tat-tender. Mill-kontijiet li hareg l-appellant u li pprezentat ix-xhud Marsja Borg, il-qorti tikkonkludi s-segwenti:-

[i] Originarjament l-appellant hareg kont numru 1392 (fol. 65) ghall-prezz ta' **€1,888**. Dan kien ghal *Professional Design Service Fee*. Fil-kont ma jissemmiex *project management*.

[1] Fol. 31.
[2] Ara kont bla data a fol. 67.
[3] Ara kont a fol. 68.

[ii] Jidher li sussegwentement giet attirata l-attenzjoni tal-appellant li Direct Order ma setax jeccedi s-somma ta' €1,600[4]. Ghalhekk hu evidenti li l-appellant imbaghad hareg zewg kontijiet (fol. 66 u 67) fejn qasam l-ammont ta' €1,888. Kont minnhom hargu ghal Professional Design Service ghas-somma ta' €1,050 u kont iehor ghal Project Management fis-somma ta' €838, b'total ta' **€1,888.** L-istess total tal-ewwel kont (fol. 65) li jirreferi biss ghall-*professional design service fee*;

[iii] Ir-raba' kont ghal €1,100, cjoe' s-somma li qieghed jitlob fil-kawza, kien l-ahhar kont li hareg l-appellant. Fil-fatt in kontro-ezami l-appellant ikkonferma li l-ewwel kont, ghas-somma ta' €1,888, kien ikopri ***".... x-xoghol tieghi kemm bhala designer u kif ukoll project manager"*** (fol. 84). Ghalhekk il-qorti tikkonkludi li qatt ma kien hemm ftehim li l-appellant ser jithallas 5% tal-valur tat-tender ghal xoghol ta' project manager, jekk kif qal hu l-valur tat-tender kien ta' €24,000.

[iv] Fuq bazi ta' probabilita' li kieku kien hemm ftehim ta' *project management*, fl-ewwel kont li hareg l-appellant kien ser jissemma tali fatt u jippretendi hlas ta' 5% tal-valur tal-progett apparti l-hlas ghad-dizinn. Il-qorti temmen li l-inkarigu li nghata mill-Kunsill kien wiehed, cjoe' ta' *designer*. Pero' taqbel mat-Tribunal li l-appellant ppresta iktar servizz.

[v] L-appellant ma kellu l-ebda dritt li l-ewwel jitlob €838 ghal xoghol zejjed li ghamel u mbaghad jibdel fehemtu u johrog kont ghal €1,100. Din fiha nnifisha turi inkonsistenza min-naha tal-appellant iktar u iktar meta ma tax spjegazzjoni ghalfejn ghamel hekk. F'dan ix-xenarju l-qorti ma tistax tlum lit-Tribunal li llikwida somma arbitrio *boni viri*, meqjus ukoll il-provi skarsi li ressaq l-appellant. Hu evidenti wkoll li meta t-Tribunal illikwida s-somma ta' €525 bhala l-hlas dovut, ha ukoll in konsiderazzjoni li fix-xoghol ta' designer, li kien inkarigat jaghmel l-appellant, kien hemm inkluz l-ispjegazzjoni tad-disinji li ghamel lill-Kunsill jew lil min wettaq ix-xoghol. Din il-qorti taqbel mar-ragunament tat-Tribunal. Ghalkemm l-appellant xehed li kien jitkellem mal-electrician, mal-mastrudaxxa u l-persuna nkarigata mit-tqeghid tal-airconditioner, ma ressaqhomx bhala xhieda biex jikkorabora l-verzjoni tieghu. Sahansitra in kontro-ezami spjega r-rwol ta' project manager hekk:

*"F'dan il-kaz, is-Sindku kien joqghod icempilli u jghidli* ***isma dawn wehhlu, trid turihom daqsxejn, trid tfissrilhom daqsxejn inti****. Trid tispjegalhom ahjar il-pjanti….. Dan kien imbaghad ir-rwol ta' project manager"* (fol. 84).

Ghall-qorti din id-dikjarazzjoni turi xenarju differenti minn dak li ddeskriva meta l-appellant xehed l-ewwel darba[5].

[4] Ara deposizzjoni tas-segretarja tal-Kunsill (fol. 63).
[5] Seduta tal-10 ta' Ottubru 2013.

Il-konkluzjoni tal-qorti hi li fir-rigward tal-ewwel zewg aggravji m'hemmx ic-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 8(2) biex ikun jista' jsir appell.

3. It-tielet aggravju hu dwar il-kap tal-ispejjez. Skond l-Artikolu 10(3) tal-Kap. 380:

*"(1) F'kull deċiżjoni li jagħti l-ġudikatur għandu jiddeċiedi dwar l-ispejjeż li xi waħda mill-partijiet ikollha tbati.* ***Sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi speċjali li jitolbu xort'oħra l-parti li titlef il-każ tiġi ordnata tħallas l-ispejjeż tal-parti l-oħra li favur tagħha jkun inqata l-każ****".*

It-Tribunal qal li *"Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet"*.

Mill-aggravju hu evidenti li l-appellant qieghed jippretendi li l-ispejjez gudizzjarji ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-Kunsill Lokali. Fil-fatt qal:

*"Ma huwiex gust illi l-appellant ghandu jizborsa minn butu l-ispejjez meta huwa evidenti illi huwa kellu jithallas tax-xoghol li aghmel"*.

Ghall-qorti m'hemmx dubju li dan ma kienx kaz fejn l-ispejjez kollha kellhom jigu akkollati fuq l-appellat, gialadarba l-appellant ma harigx  rebbieh ghal kollox. M'hemmx dubju li l-punt principali li kellu jigi deciz kien dwar jekk l-appellant kienx ghadu kreditur tal-appellat wara li thallas is-somma ta' €1,050. Id-difiza principali tal-appellat kienet li l-appellant thallas tas-servizz li ta. Min-naha l-ohra kien hemm ukoll kontestazzjoni dwar l-ammont ta' hlas li ppretenda l-appellant. Mela filwaqt li l-appellant kien rebbieh fuq il-punt principali dwar jekk kienx kreditur tal-Kunsill, kien tellief fuq l-ammont ta' flus li kienu dovuti lilu. Skond l-Artikolu 223 tal-Kap. 12:-
*"Fil-kazijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, meta kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwistjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra"*.

Fis-sentenza t-Tribunal ma spjegax kif wasal ghal konkluzjoni li kull parti ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez gudizzjarji taghha. Fil-fehma tal-qorti hemm bazi ghall-appell fuq il-kap tal-ispejjez skond l-Artikolu 8(2)(d), in kwantu:

i. Il-kwistjoni principali kienet dwar jekk l-appellant kienx kreditur tal-Kunsill Lokali;
ii. L-ammont dovut kienet materja konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni li l-appellant kien kreditur tal-Kunsill appellat;
iii. Ladarba fuq il-punt principali l-appellant hareg rebbieh, ma jkunx ekwu u gust li jaghmel tajjeb ghall-ispejjez gudizzjarji kollha tieghu. Spejjez li bilfors kellu jaghmel biex issir gustizzja mieghu gialadarba l-Kunsill Lokali kien qieghed isostni li m'huwiex debitur tal-appellant.

Min-naha l-ohra hu floku li jittiehed in konsiderazzjoni li t-Tribunal llikwida somma inqas minn dik reklamata mill-appellant. L-appellant ma harigx rebbieh fuq kollox. Meqjusa dawn ic-cirkostanzi l-qorti hi tal-fehma li hu floku li tigi varjata dik il-parti tas-sentenza tat-Tribunal li tirreferi ghall-kap tal-ispejjez.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti:-**

1. **Tichad l-ewwel u tieni aggravju;**
2. **Tilqa' t-tielet aggravju tar-rikors tal-appell limitatament fis-sens li fir-rigward tal-kap tal-ispejjez tas-sentenza tat-Tribunal l-ispejjez gudizzjarji ghandhom jinqasmu in kwantu ghal 70% a karigu tal-Kunsill appellat u 30% a karigu tal-appellant.**

**Spejjez ta' dan l-appell ghandhom jinqasmu in kwantu ghal 80% a karigu tal-appellant gialadarba l-aggravji fil-meritu gew michuda, u 20% a karigu tal-appellat**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------